# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum il-Gimgha, 31 ta' Awissu, 2001**

**Appell Nru 96/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Frankie Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pisani talli nhar il-Gimgha, 29 ta' Settembru, 2000 u fil-granet ta' qabel, f'garaxx minghajr numru fi Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex (**1**) fetah jew zamm l-istess garaxx ghall-ezercizzju fih ta' arti jew sengha [ta'] mastrudaxxa minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema licenzja hija mehtiega mill-ligi jew minn regolamenti maghmula minn awtoritajiet kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi, u (**2**) talli dejjaq bi hsejjes lil Raymond Grima;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Mejju, 2001, li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

"Semghet il-provi; issib lill-imputat hati; rat l-artikoli 181, 319 u 130(1) tal-Kap. 10; tikkundannah ghall-hlas ta' multa [ta'] hamsin lira Maltin (Lm50).";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Frankie Pisani, minnu ppresentat fil-15 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2001; ikkunsidrat:

L-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant jirrigwardaw l-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10. L-appellant jikkontendi, bazikament, li x-xoghol li huwa kien qieghed jaghmel fil-garaxx in kwistjoni kien ghalih, cioe` biex jarma d-dar li kien qed jibni, u mhux bhala negozju, cioe` mhux ghall-bejgh jew ghal terzi. Dana l-aggravju hu nfondat. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement pruvat li x-xoghol ta' ghamara li kien qed isir fil-post in kwistjoni kien ghal skopijiet

kummercjali, ghalkemm ma hux eskluz li seta' kien hemm xi bicciet ta' ghamara li kienu ntizi ghad-dar ta' l-istess Pisani.

It-tielet aggravju jirrigwarda t-tieni mputazzjoni. L-appellant jikkontendi li ma kien hemm ebda prova li hu dejjaq bi hsejjes lil Raymond Grima. Dana l-aggravju huwa wkoll infondat. Jirriszulta, infatti, mid-deposizzjoni ta' l-istess Grima li dan kien proprju l-ilment principali tieghu, u cioe` li kienu qed idejjquh il-hsejjes tal-magni u tat-tisbit gejjin mill-garaxx fejn l-appellant kien jezercita s-sengha tieghu ta' mastrudaxxa. Jigi precizat li ghall-finijiet ta' l-Artikolu 130(1) tal-Kap. 10 – ir-reat li jidher li kien qed jigi ipotizzat bit-tieni imputazzjoni u li tieghu, skond ma jinghad fis-sentenza appellata, l-appellant instab hati – hu bizzejjed li l-arti jew sengha in kwistjoni tkun tali li <u>tista'</u> ddejjaq lill-girien; fi kliem iehor, hija bizzejjed il-potenzjalita` ta' l-inkonvenjent, u mhux necessarju li jigi ppruvat li effettivament xi hadd gie mdejjaq. Certament ix-xoghol ta' mastrudaxxa huwa wiehed minn dawk is-snajja kolpiti bl-imsemmi Artikolu 130(1).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur